MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2007

Numru. 938/2006

Il-Pulizija
(Spettur Alexander Grech)

vs

Leandross Cutajar

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi, Leandross Cutajar ta’ 22 sena, bin Carmelo u Alfrida nee’ Bonett, imwieled Pieta’ fid-29 ta’ Lulju, 1984 u residenti 21, Triq Kewkba, Bormla, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 389684(M) fejn huwa gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

a. fil-lejl ta’ bejn is-16 u 17 ta’ Awissu, 2006, ghall-habta tat-3.15a.m. fi Triq Spadaro, Haz Zabbar ikkommetta serq ta’ zewg pari speakers u amplifier minn go vettura bin-numru EAQ 345 ta’ ghamla Mazda, ghad-dannu ta’ David Buttigieg;

b. serq ta’ amplifier minn go vettura bin-numru GAQ 408 ghad-dannu ta’ Diane Delia;

c. u serq minn go vettura bin-numru CBL 782 ghad-dannu ta’ Claire Diacono liema serq huwa aggravat bil-hin, mezz u valur dan bi ksur ta’ l-Artikoli 267 u 268(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

d. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe' ikkaguna hsara fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAQ345 ghad-dannu ta’ David Buttigieg u hsara fuq vettura bin-numru CBL 782 ghad-dannu ta’ Claire Diacono, liema hsara tammonta ghal madwar LM55 u LM135 rispettivament u dan bi ksur ta’ l-artikolu 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

e. u aktar talli sar recidiv b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat 4 ta’ Settembru 2006 (Dok. AG9) sabiex fin-nuqqas ta’ oggezzjoni da parti tal-imputat din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghat lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar il-31 ta’ Mejju, 2007 *ai termini* ta’ l-artikoli 370 (4), 390 (1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fis-seduta ta’ l-31 ta’ Mejju 2007 ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni ta’ l-istess imputat il-Qorti tiddikjara li qed isibu hati tal-ewwel u t-tieni akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi izda mhux tat-tielet akkuza, u cioe’ dik ta’ recidiva stante li kif jirizulta mill-verbal tas-seduta tal-31 ta’ Mejju 2007 hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiza li din l-akkuza ma tirrizultax pruvata ghaliex effettivament l-imputat odjern kien gie liberat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor sa zmien tmintax il-xahar permezz ta’ sentenza ta’ din il-Qorti kif diversament presjeduta ta’ l-23 ta’ Ottubru 2003.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat, kif ukoll il-fatt li l-imputat ikkopera bis-shih fil-kors tal-investigazzjonijiet. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita’ sabiex jirriforma ruhu u jaqbad it-triq it-tajba.

Il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 270 u 325 tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta’ Malta tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-ewwel u t-tieni akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi izda ssibu mhux hati tat-tielet akkuza li minnha qed jigi liberat u dan ghar-ragunijiet spjegati aktar il-fuq u b’applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qeghda taghmel ordni ta’ *probation* li permezz tieghu tqieghed lill-hati taht is-sorveljanza ta’ l-ufficjal tal-*probation* illi ghandu jigi assenjat skond il-ligi u dan ghall-perijodu ta’ tlett (3) snin millum u dan taht is-segwenti kundizzjonijiet:-

1. Li matul il-perijodu ta’ probation ta’ tlett (3) snin Leandross Cutajar ghandu jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-*probation* mahtur lilu.

2. L-ufficjal tal-*probation* mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-progress ta’ Leandross Cutajar kull sitt xhur bil-miktub.

3. Leandross Cutajar ghandu javza immedjatament lill-ufficjal tal-*probation* b'kull bdil li talvolta jaghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull bon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car l-effett ta' din l-ordni u tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 qed tinnotifika minnufih kopja ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation li ghandu jassenja l-ufficjal tal-*probation idoneju* ghall-hati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------